**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 252/2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Shtien Scicluna**

***Omissis***

Seduta tal-4 ta' April, 2022

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Shtien Scicluna detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 203891 M u lil *omissis* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talli f'Novembru, 2016 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi

wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamlu qligħ ta' tlett elef u tlett mitt Ewro (€3,300.00) għad-detriment ta' Elton John Zammit Waste Management & Cleaning Services u/jew Elton John Zammit u/jew Bank of Valletta.

2. Talli f'Novembru 2016 u fix-xhur ta' qabel, ikkommettew serq ta' diversi ċekkijiet tal-Bank of Valletta, maħruġa fuq kont bankarju għan-nom ta' Elton John Zammit Waste Management & Cleaning Services bi ħsara ta' Elton John Zammit Waste Management & Cleaning Services; u/jew Elton John Zammit u/jew Bank of Valletta.

3. Aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħolqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi għad-dannu ta' Elton John Zammit Waste Management & Cleaning Services; u/jew Elton John Zammit j/jew Bank of Valletta;

4. U talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi xjentement għamlu użu minn dokumenti foloz għad-dannu ta' Elton John Zammit Waste Management & Cleaning Services u/jew Elton John Zammit u/jew Bank of Valletta;

U lil **Shtien Scicluna waħdu**:

5. Talli fl-istess żmien, dati, lok u ċirkostanzi approprija ruħu, billi dawwar bi profitt għalih jew għall-persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinnjata lilu minħabba l-

kariga u/jew servizz tiegħu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat.

Il-Qorti kienet mitluba li titratta lil Shtien Scicluna u *omissis* bħala reċedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġew misjuba ħatja b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux ikunu mibdula kif ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputati sabiex iħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-21 ta' Mejju, 2018 li biha sabet lill-imputat Shtien Scicluna ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu wara l-ammissjoni tieghu u kkundannatu ghall-sentejn (2) priġunerija liema terminu bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 (A) (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kien sospiz għal erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza;

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Ġunju, 2018, permezz ta' liema din il-Qorti intalbet tiddikjara s-sentenza appellata bħala nulla u bla effett u tgħaddi sabiex tagħti sentenza skont il-liġi u b'mod alternattiv **tirriforma** s-sentenza appellata billi: (i) **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih mill-Prosekuzzjoni; u (ii) **tħassarha** u tirrevokaha f'dik il-parti tal-piena erogata fil-konfront tal-appellat, billi minflok il-piena inflitta tinfliġġi piena idoneja u ġusta skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-partijiet;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-ewwel aggravju tieghu, l-Avukat Generali jillanja l-validita' tas-sentenza appellata bil-gravam tan-nullita' taghha minhabba karenza tal-ewwel Qorti konsistenti filli naqset milli ssemmi l-artikoli kollha tal-ligi li dwarhom instabet htija meta semmiet biss l-artikolu 49, 50, 289, 308, 309, 310, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Frankament kien ikun aktar desiderabbli li kieku l-Avukat Generali indika dawk l-artikoli tal-ligi li l-ewwel Qorti allegatament naqset milli tindika izda, u minkejja dan, jokkorri li jkunu identifikati dawk l-artikoli tal-ligi li kellhom ikunu hekk indikati u jekk dan igibx mieghu n-nuqqas allegat;

2. Illi ghal-kjarifika tal-hsieb, tajjeb li jkun osservat qabel xejn illi l-imputat irregistra ammissjoni quddiem il-Qorti Istruttorja meta l-Avukat Generali ma kienx ghadu ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja. Ghalhekk skatta dak li jipprovdi l-Artikolu 392A tal-Kodici Kriminali li jirraviza l-kontinwita' tal-procedura billi l-Qorti tkun awtorizzata taghti sentenza anke fin-nuqqas ta' tali kunsens b'dan illi l-atti jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien li trid il-ligi.

3. Illi fl-ewwel udjenza quddiem il-Qorti Istruttorja, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Issa, skond l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, meta Qorti taghti sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu tal-Kodici jew ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat skont l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Minn ezami tal-atti jirrizulta illi fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti, wara li ddikjarat lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu ddikjarat li rat l-artikoli 49, 50, 289, 308, 309, 310, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. Ifisser dan illi l-ewwel Qorti indikat l-artikoli tal-ligi dwar l-ewwel, ir-raba', u l-hames imputazzjoni u dawk dwar l-addebitu tar-recidiva u naqset milli tindika l-artikoli tal-ligi dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni oltre li erronjament indikat ukoll l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali li dwaru ma kien hemm l-ebda imputazzjoni. It-tieni imputazzjoni hi dik ta' diversi cekkijiet li minn ezami tal-atti jirrizulta li kien serq semplici kif ravvizat fl-artikolu 284 u ghalhekk kellu jissemma dan l-artikolu. It-tielet u r-raba' imputazzjoni huma dwar falsifikazzjoni u uzu ta' dokumenti falsifikati u ghalhekk kellhom jkunu wkoll indikati l-artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali u li evidentement huma nieqsa mis-sentenza tal-ewwel Qorti. Inoltre, u kif gia inghad, l-ewwel Qorti indikat ukoll l-artikolu 309 prezumibilment dwar l-ewwel imputazzjoni meta din kienet tirraviza biss dak ipotizzat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali;

4. Fil-kaz odjern ghalhekk huwa palezi illi kellhom ikunu indikati wkoll l-artikoli 284, 183, 184 tal-Kodici Kriminali bhala l-artikoli li jirravizaw ir-reati ipotizzati fit-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjoni, haga li l-ewwel Qorti naqset milli taghmel oltre li

indikat l-artikolu 309 meta ma kienx hemm imputazzjoni dwaru u li allura ifisser li sabet htija f'reat mhux addebitat kontra l-imputat. Issa, huwa palezament akkolt fil-gurisprudenza illi dan in-nuqqas jitqies bhala karenza fil-formalita' essenzjali ghal-validita' ta' sentenza. (Ara fost diversi sentenzi **Il-Pulizija vs Karmenu Attard** [App Kri 28.4.1995]). Ghalhekk qed tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett;

5. Illi dikjarazzjoni ta' nullita' ta' sentenza, iggib maghha effetti li jvarjaw minn kawza ghall-ohra. L-ewwel wiehed hu li fit-termini tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi **hi stess** il-kaz mill-gdid "*meta l-qorti superjuri ssib li nkisret jew li ma saritx xi formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita, jew li tkun xort'ohra sostanzjali*". It-tieni konsegwenza hi li n-nullita' tas-sentenza taffettwa biss dik il-parti taghha fejn tkun instabet htija fejn allura tista' titqies bhala nullita' parzjali anke jekk dan mhux il-kaz odjern. Il-Qorti tal-Appell ghalhekk ma tergax tisma u tiddeciedi dwar dawk l-imputazzjonijiet li dwarhom ikun hemm liberatorja (ara sentenza citata **Karmenu Attard**) Inoltre, l-aggravji tal-appellant imbaghad jitqiesu bhala sottomissjonijiet fil-kawza (ara **Il-Pulizija vs Dr. Alfred Grech** [App Krim 10.09.07]). Finalment, meta tigi biex tiddeciedi l-mertu mill-gdid, din il-Qorti ma tkunx marbuta bis-subartikolu (7) tal-artikolu 428, jigifieri mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u konsegwentement tista zzid il-piena skond il-kaz. (ara **Il-Pulizija vs Joseph Farrugia** [App Kri 13.1.1995]);

6. Illi kwantu sejbien ta' htija o meno, l-ammissjoni tal-imputat kif registrata quddiem il-Qorti Istruttorja tibqa' valida u la konfermata mill-istess imputat wara d-debita twissija kif mitlub

fl-artikolu 293A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu kif ukoll tiddikjarah recidiv fit-termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

7. Illi ghalhekk jifdal li din il-Qorti tiddeciedi biss dwar il-piena erogabbli u dwar dan, jinghad illi semghet lill-Ufficcjal tal-Probation u rat ir-rapport mhejji dwar l-appellant. Issa, kif dejjem sostniet din il-Qorti kif preseduta, hija l-ewwel Qorti l-ahjar pjazzata sabiex teroga dik il-piena jew mizura misthoqqa ghall-kaz ghaliex tkun ghexet il-process u f'dan il-kaz kienet il-fehma taghha li l-imputat kellu jinghata piena alternattiva ghall-dik karcerarja u dan jidher li kien accettabbli ghall-partijiet kollha. Minkejja l-intenzjoni tajba tal-ewwel Qorti, din ippekkat meta applikat l-provvediment tal-artikolu 28A meta dan ma setghax ikun stante li l-imputat ammetta l-addebitu ta' recidiva u kien dikjarat recediv li bhala konsegwenza igib mieghu l-projbizzjoni tal-istess artikolu (ara Artikolu 28A (7) tal-Kodici Kriminali). Dan fil fatt huwa t-tieni aggravju tal-Avukat Generali li issa jitqies bhala osservazzjoni;

8. Illi minn ezami tar-rapport u deposizzjoni tal-Ufficcjal tal-Probation u r-rapprezentant tal-Caritas jirrizultaw l-parametri idejali ghall-piena alternattiva u dan jaqbel mieghu l-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet orali tieghu, liema parametri huma *a window of opportunity* fir-riabilitazzjoni tal-imputat li gia mexa 'l quddiem b'mod posittiv dwarha kif semghet din il-Qorti. Jirrizulta ukoll li l-appellant gia ghamel xi reparazzjonijiet versu il-vittmi tar-reat anke jekk mhux ghas-saldu sa dan l-istadju. Ghalhekk ikkunsidrat illi l-appellant rregistra ammisjoni fl-ewwel

udjenza u tressqet prova tal-progress sostanzjali fir-riabilitazzjoni tieghu u hadet kont tad-dikjarazzjoni tal-vittma kif rapportata fir-relazzjoni tal-Ufficcjal tal-Probation u ghalhekk tghazel illi ma zzidx il-piena bil-gradi miftuha lilha bid-dikjarazzjoni ta' recidiva;

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, wara li rat l-artikoli 308, 284, 285, 183, 184, 293 u 294, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, u ghar-ragunijiet fuq esposti, qed tqieghed lill-appellat fuq Ordni ta' Probation ghal-terminu ta' tliet (3) snin mil-lum fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta.

10. Il-Qorti spjegat fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza.